**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' SETTEMBRU, 2002**

**Avviz Numru 1425/02 AJD**
**Pater Finance Co. Limited**

**vs**

**Michael Bonnici**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Gunju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tmien mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm825.00) rappresentanti import ta' hdax il-kambjala ta' Lm75..00 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Awissu 2001 sa Gunju 2002 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 11).

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju 2002 jammontaw ghal Lm30.00, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Frar 2002

kontra l-konvenut

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta’ attrici fil-5 ta’ Lulju 2002 fejn hija rriduciet is-sorte ghal tlett mija u erba’ Liri Maltin (Lm304.00) bl-imghax mit-3 ta’ Lulju 2002.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Neville Camilleri in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tlett mija u erba’ Liri Maltin (Lm304.00) bl-imghax pagabbli mit-3 ta’ Lulju 2002 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Frar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**

**Gudikatur.**